# Kuntatt
## mal-iskola t'ibnek

MEJJU - ĠUNJU 2014

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Festa Komunità 2014 f'The Malta Records**

Il-Ġimgħa 16 ta' Mejju 2014

***Skola Sekondarja tas-Subien - Ħal Kirkop*** *li għaqqdet l-ikbar numru ta' baned ġejjin minn Reġjun ta' Kulleġġ u jdoqqu flimkien marċi ta' xulxin.*



L-ismijiet kollha tal-baned li ser jipparteċipaw f'Festa Komunità 2014 ser ikunu mnaqqxin fiċ-ċertifikat li ser jingħata lill-iskola minn The Malta Records. Il-baned mistiedna biex jipparteċipaw huma dawn:

- *Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, Birżebbuġa*
- *Soċjetà Filarmonika San Pietru AD 1990, Birżebbuġa*
- *Għaqda Mużikali Santa Marija, Ħal Għaxaq*
- *Għaqda Mużikali San Ġużepp, Ħal Għaxaq*
- *Għaqda Mużikali Marija Assunta, il-Gudja*
- *Soċjetà Filarmonika La Stella, il-Gudja*
- *Banda San Ġużepp, Ħal Kirkop*
- *Banda San Leonardu, Ħal Kirkop*
- *Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, l-Imqabba*
- *Għaqda Mużikali Santa Marija, Banda Re Ġorġ V, l-Imqabba*
- *Soċjetà Mużikali Santa Marija, il-Qrendi*
- *Soċjetà Filarmonika Lourdes, il-Qrendi*
- *Banda San Pawl, Ħal Safi*
- *Għaqda Karmelitana, Banda Queen Victoria, iż-Żurrieq*
- *Socjetà Mużikali Santa Katarina, iż-Żurrieq*

*...ikompli fuq paġna 3*



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com/

# EDITORJAL

## Lejn edukazzjoni aktar sħiħa

Bl-għajnuna t'Alla qed noqorbu lejn tmiem sena skolastika oħra għax kif jgħid il-Malti 'Kull mibdi mitmum'. Għalhekk, hawn ma nistax ma nsemmix in-numru sabiħ ta' attivitajiet u inizjattivi li kontinwament tieħu l-iskola sabiex l-edukazzjoni tal-istudenti tagħna tkun aktar sħiħa. L-iskola torganizza bosta attivitajiet sportivi, kulturali u reliġjużi fejn kull student jista' jipparteċipa u jieħu dak it-tagħlim li jmur lil hinn mill-kotba u l-lezzjonijiet fil-klassi. Matul is-sena, l-għalliema jieħdu lill-istudenti għal diversi żjarat edukattivi f'postijiet differenti sabiex hemm jitkompla t-tagħlim li jkun beda fil-klassi u l-istudenti jesperjenzaw aktar mill-qrib dak li jkunu qed jistudjaw dwaru. Isiru bosta *fieldworks*, żjarat f'postijiet storiċi, kulturali u f'azjendi differenti. Ma ninsewx ukoll iż-żjajjar li jsiru barra minn pajjiżna li jservu ta' esperjenza indimentikabbli għal dawk li jipparteċipaw fihom kemm fuq livell edukattiv kif ukoll il-pjaċir li jħossu meta jsiefru ma' sħabhom. Ta' min isemmi wkoll li bħala skola spiss nipparteċipaw f'kompetizzjonijiet u festivals li jsiru apposta għall-iskejjel u dejjem ikollna riżultati pożittivi ferm tant li t-tazzi u ċertifikati kommemorattivi fl-uffiċju tas-surmast qed jiżdiedu sew.





Il-parteċipazzjoni qawwija tal-istudenti tagħna fl-attivitajiet kollha li jsiru hi ta' min ifaħħarha u bi pjaċir ngħid li ġiet innutata wkoll mit-tim ta' *reviewers* li żaru l-iskola f'Jannar li għadda waqt External Review li l-iskola għaddiet minnu. Madankollu b'dispjaċir ninnota li minkejja l-attivitajiet varji li jsiru, numru żgħir ta' studenti jibqgħu passivi u jonqsu milli jipparteċipaw. Dan m'għandux ikun għaliex b'hekk l-istudent ikun qed jitlef ċansijiet tad-deheb li jkabbar u jifrex it-tagħlim u l-esperjenzi tiegħu li wħud minnhom ma jirrepetux ruħhom wara li jgħaddu s-snin tal-iskola. Tajjeb li wieħed jagħraf l-importanza tal-parteċipazzjoni fl-attivitajiet varji li jsiru sabiex l-esperjenza edukattiva tkun dejjem aktar sħiħa u ta' sfida.

Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

# EXTERNAL REVIEW - RIŻULTATI

L-iskola tixtieq tirringrazzja lil dawk il-ġenituri, l-għalliema u LSAs kollha li pparteċipaw fl-External Review li kien sar bejn l-20 u l-24 ta' Jannar 2014. Min irid jara r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet kollha li ħarġu minn dan l-istħarriġ, kulma għandu jagħmel hu li jidħol fil-websajt tal-iskola tagħna u mill-paġna prinċipali jagħfas il-link bit-titlu External Review Feedback. Mod ieħor hu li tiktbu dan l-indirizz t'hawn taħt fil-*browser* tagħkom.

*http://www.kulleggsanbenedittubs.com/externalreview/Report_Summary_of_the_External_Review_Parents_2014.pdf*

Nixtieq ngħid grazzi lir-*reviewers* tax-xogħol utli li għamlu fl-iskola u tar-rakkomandazzjonijiet siewja tagħhom. Jien ċert li dan ir-rapport ser iservi biex l-iskola tħares 'il quddiem ħalli l-istudenti jirnexxu lkoll f'ambjent mill-aqwa.

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-Iskola

---

*...ikompli minn paġna 1*





Il-briju ta' festa li dawn il-baned u l-programm imħejji ser joħolqu, żgur li ħadd ma għandu jitlef. Dakinhar ser jindaqq għall-ewwel darba mill-*massed band*, l-Innu Kulleġġ San Benedittu kompożizzjoni ta' Mro Keith Scicluna fuq arranġament ta' Mro Carmel Vella. Il-programm imħejji huwa wieħed eċċezzjonali u li għandu jagħti gost lil kull min jattendi.
Ir-rekord ser jinkiser mill-iskola. Kif nistgħu ma niċċelebrawhx flimkien! Kulħadd huwa mistieden u l-qligħ ser imur għal Richmond Foundation. Dħul b'xejn.

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-Iskola

# JUM IL-ĠENITURI 2014

Fil-25 u s-26 ta' Marzu li għadda, l-iskola fetħet il-bibien tagħha għall-ġenituri sabiex f'dawk il-jumejn jiġu l-iskola u jiddiskutu t-tagħlim u l-progress ta' wliedhom flimkien mal-għalliema tagħhom. Wara li fis-sena skolastika li għaddiet Jum il-Ġenituri ġie maqsum fuq jumejn u bosta ġenituri qalulna kemm sabuha aktar faċli li jkellmu lill-għalliema bil-kumditá, din is-sena rġajna ħsibna biex inżommu l-istess arranġament.

Fil-fatt f'dawk il-jumejn 80% tal-ġenituri ġew l-iskola u ngħataw portfoljo bir-riżultati kollha ta' wliedhom kif ukoll kummenti mingħand kull għalliem tat-tifel. Minkejja n-numru sostanzjali ta' ġenituri li laqgħu l-istedina tagħna, kienu ftit il-kjuwijiet fil-kurituri u għalhekk il-ġenituri setgħu jkellmu ħafna aktar għalliema mingħajr ma jkollhom għalfejn iqattgħu ħinijiet twal jistennew. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li attendew u nfakkrukom li l-bibien tagħna huma dejjem miftuħa għalikom il-ġenituri sabiex tiġu u titkellmu magħna kull meta tħossu li jkollkom bżonn.

Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

# FRANCOFÊTE: IL-FRANĊIŻ MADWAR ID-DINJA

Nhar it-Tlieta, 8 ta' April, grupp ta' studenti marru l-iskola sekondarja tal-Ħamrun sabiex jirrappreżentaw l-iskola tagħna. Żewġ studenti tat-Tielet Sena, Shan Briffa u Andrea Farrugia ħadu sehem fi kwizz ma' skejjel oħra dwar il-kultura Franċiża. Imbagħad, tħabbru r-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet għall-Ewwel u t-Tieni Sena. B'sodisfazzjon kbir għalina, l-istudent Gerard William Zammit Young tal-klassi 1.1 ġie l-ewwel mill-iskejjel ta' Malta kollha.

Hu ngħata sett ta' kotba kif ukoll trofew sabiħ li se nżommu l-iskola tagħna għal din is-sena. Din hija t-tieni sena konsekuttiva li l-iskola tagħna ħadet it-trofew. L-istudenti kellhom l-opportunità jiltaqgħu mal-ambaxxatur Franċiż. Kull student li ħa sehem ingħata ċertifikat ta' parteċipazzjoni.



L-Għalliema tal-Franċiż

# LEZZJONI TA' KULTURA TALJANA B'DIFFERENZA

It-tagħlim m'għandux ikun magħluq bejn l-erba' ħitan tal-klassi. It-tfal jitgħallmu iktar meta jesperjenzaw personalment dak li jkunu qraw fil-kotba. Id-dipartiment tat-Taljan jemmen ħafna f'dan il-kunċett u għall-ħames sena konsekuttiva organizza ġita lejn il-gżira ta' Sqallija. Gżira li magħrufa ma' ħafna Maltin għax-xiri iżda li għandha ħafna iktar x'toffri. Din is-sena kien imiss li nżuru l-ikbar vulkan fl-Ewropa - l-Etna.

Il-ġurnata bdiet billi grupp ta' 36 student iltaqgħu magħna l-għalliema tat-Taljan, għalliema tal-Ġeografija u ġenitur ġewwa l-ajruport ta' Malta. Minn hemm irħejnielha lejn l-gżira ta' Sqallija. Kif wasalna ġewwa Catania sibna ż-żewġ gwidi jistennewna. L-ewwel post li żorna kien il-villaġġ ta' Nicolosi. Wara li ħadna kolazzjon tipiku Taljan, żorna l-mużew tal-vulkanoloġija. Hemmhekk it-tfal skoprew kif twieled il-vulkan Etna eluf ta' snin ilu. Intebħu li l-Etna jieħu parti sostanzjali mill-ikbar gżira tal-Mediterran. Wara bdejna t-triq tagħna lejn Crateri Silvestri minn fejn bdejna l-mixja biex naslu sal-quċċata tad-destinazzjoni tagħna bl-għajnuna taż-żewġ gwidi professjonali li kienu magħna l-ġurnata kollha. Matul it-triq l-istudenti setgħu japprezzaw in-natura ta' madwarhom. Xi wħud mill-istudenti setgħu għall-ewwel darba f'ħajjithom imissu b'idejhom is-silġ. Fil-fatt hekk kif wasalna fuq nett quddiem veduta tal-ħolm, xi wħud mill- istudenti ddeċidew li joħolqu *snowman*. Qattajna ftit ħin napprezzaw u ngawdu l-arja friska u l-veduti tal-madwar u wara l-mixja nżilna f'restorant fil-viċin biex nieklu. Hemmhekk doqna platt għaġin tipikament Taljan li diffiċli dduq bħalu hawn Malta. Wara l-ikla bdejna t-triq tagħna lejn l-iktar parti eċċitanti ta' din il-ġita. Fil-fatt wara li kull wieħed minna libes l-elmu dħalna ġo għar iffurmat iktar minn mitejn sena ilu permezz tal-lava. Kienet esperjenza unika fejn l-istudenti wrew kemm huma avventurużi. Il-gwidi baqgħu impressjonati kemm l-istudenti tal-kulleġġ tagħna interessaw ruħhom u ħarġu b'domandi relatati mas-suġġett. Urew bis- sħiħ li kellhom ċertu tagħrif minn qabel dwar il-vulkani.

Għal darb'oħra l-istudenti għarfu l-importanza ta' ġiti bħal dawn u fl-istess ħin qattgħu ġurnata b'differenza f'post pittoresk bħalma hija Sqallija.

Id-Dipartiment tat-Taljan





# ŻJARA SAL-MEPA

Jiena u l-klassi tiegħi kellna ħarġa edukattiva fejn morna l-MEPA. MEPA tfisser Malta Environment and Planning Authority. L-għan ta' din il-ħarġa edukattiva kienet biex nitgħallmu aktar dwar topik mis-suġġett tal-Ġeografija *Option* li jismu "Map Skills".





Meta wasalna l-MEPA l-ewwel morna fil-*BoardRoom* fejn jiltaqgħu d-Direttorati tal-MEPA. Hemmhekk kellna preżentazzjoni dwar il-MEPA u x-xogħol li jsir fil-MEPA. Kien interessanti ħafna għax tgħallimt il-ħaddiema x'jagħmlu u kif dawn huma utli għall-MEPA.

Wara morna fil-Mapping Unit tal-MEPA. Il-Mapping Unit huwa fejn jipproduċu l-mapep u fejn jistudjaw mapep bir-reqqa. Hemmhekk spjegawlna kif jaħdem il-proċess ta' kif isiru l-mapep. Sirt naf li jużaw is-satelliti u anke jduru Malta bil-ħelikopters ukoll.







Il-MEPA huwa post interessanti ħafna fejn tista' titgħallem ħafna affarijiet u huma utli ħafna għal suġġetti edukattivi futuri bħall-Ġeografija, in-negozju u l-bqija.

Andreas Hartz
Klassi 3.4

# LET'S DEBATE QUALITY EDUCATION

Grupp ta' studenti mill-iskola tagħna li jsegwu l-Istudji Ewropej u l-Istudji Soċjali ġew mistiedna biex flimkien ma' żgħażagħ oħra jiddiskutu t-tema ta' ko-edukazzjoni. Bħala diskussjoni kienet ħa tkun ibbażata fuq *panel* fejn studenti kellhom jagħtu l-opinjoni tagħhom u mbagħad wara l-istudenti preżenti minn diversi skejjel kellhom jivvutaw għall-aqwa dibattitu.







Ir-rappreżentanti tal-iskola tagħna li kienu Nikolai Belli, Enrique Montebello u Darren Borg, ġew nominati biex joħolqu diskussjoni kontra li jkun hemm ko-edukazzjoni.  Kien hemm bosta punti interessanti fosthom li meta jiġu mħalltin subien u bniet jitilfu l-konċentrazzjoni u jista' jkun hemm aktar *bullying*.  Għalkemm tliet kwarti tas-sala kienet favur il-ko-edukazzjoni xorta rnexxielhom jagħmlu l-punt tagħhom.







Din id-diskussjoni kienet immexxija minn Dr Andrew Azzopardi u attenda wkoll il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onorevoli Evarist Bartolo.  Din l-attività ġiet imtellgħa mill-Malta Union of Teachers flimkien mal-Aġenzija Żgħażagħ.

Is-Sa R. Fenech

# ĠUNJU 2014 TIME TABLE - EŻAMIJIET ANNWALI

| Ġurnata | Sessjoni | Form 1 | Form 2 | Form 3 | Form 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 12/6/2014 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Storja (Option) | Orali |
| | 2 | | | Studju Soċjali (Option) | |
| 13/06/2014 | 1 | Ingliż | Lingwi | Matematika | Malti |
| | 2 | ICT | Ġeografija | Studju Soċjali (General) | Reliġjon |
| 16/6/2014 | 1 | Lingwi | Malti | Ingliż | Matematika |
| | 2 | Studji Soċjali | Storja | Fiżika | Ġeografija (General u Option) |
| 17/6/2014 | 1 | Matematika | Ingliż | Lingwa (3 sena) | Kimika/Eur Std/D&T |
| | 2 | Storja | Studju Soċjali | ICT | Computer Studies |
| 18/6/2014 | 1 | Malti | HE/GC/Mużika/TS | Lingwa (1 sena) | Ingliż |
| | 2 | Reliġjon | ICT | Ġeografija (General) | Studju Soċjali (General u Option) |
| 19/6/2014 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Malti | BS/Bijoloġija/TS |
| | 2 | | | Storja (General) | HE |
| 20/6/2013 | 1 | Orali | M'hemmx Eżami | Ġeografija (Option) | M'hemmx Eżami |
| | 2 | | | Mużika | |
| 23/6/2014 | 1 | M'hemmx Eżami | Orali | Kimika/BS | Letteratura Ingliża |
| | 2 | | | Computer Studies | ICT |
| 24/6/2014 | 1 | Xjenza | Matematika | Bijoloġija/Eur Std/ D&T | Lingwi (4 sena) |
| | 2 | Ġeografija | Xjenza | Reliġjon | Storja (General u Option) |
| 25/6/2014 | 1 | HE/GC/TS/ Mużika | Reliġjon | GC | Lingwi (2 sena) |
| | 2 | D&T | D&T | PE | Fiżika |
| 26/6/2014 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Orali | M'hemmx Eżami |
| | 2 | | | | |
| 27/06/2014 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | HE | GC |
| | 2 | | | TS | PE |

Taqsir tal-kliem - BS (Business Studies); D&T (Design & Technology); GC (Graphical Communication); PE (Physical Education); HE (Home Economics); EUR ST (European Studies) TS (Textiles Studies)

**N.B. L-ewwel sessjoni DEJJEM tibda fit-8:00am waqt li t-tieni sessjoni DEJJEM tibda fl-10:30am. Il-brejk ikun fl-10:00am ħlief meta jkun hemm eżami ta' siegħa u nofs. It-trasport lura d-dar ikun fil-12:15pm.**

## Mejju 2014

| | |
|---|---|
| 7 | Fiera tas-Suġġetti għall-istudenti tat-Tieni Sena |
| 8 | Kunsill tal-iskola |
| 9 | Ċelebrazzjoni ta' Jum L-Ewropa (L-Università l-Qadima) |
| 9 12 15 | Uefa Tournament U/17 |
| 13 | "Open day" għall-ġenituri tal-istudenti tal-Ewwel u t-Tieni Sena |
| 14 | Attività Moving On (Studenti tas-Sitt Sena - Skola Primarja) |
| 16 | Festa Komunità - *Għalenija mal-fewġa tal-Melodija* |
| 19 | Tranżizzjoni (It-Tieni Parti) Taħdita għall-ġenituri ta' studenti tas-Sitt Sena Primarja<br>Żjara minn Membri fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal rigward "Live in" għall-adolexxenti (Klassijiet tat-Tielet u r-Raba' Sena) |
| 23 | Sessjoni PD għall-għalliema wara l-ħin tal-iskola |
| 26 | Taħdita għall-istudenti tar-Rabà Sena dwar l-eżamijiet |
| 28 | Ċerimonja tal-għoti taċ-Ċertifikati tal-Career Exposure (Studenti tar-Raba' Sena) |
| 30 | SDP għall-għalliema (Il-ġurnata kollha) |

## Ġunju 2014

| | |
|---|---|
| 2 | Bidu tan-nofstanhari |
| 5 | Tranżizzjoni għall-istudenti tas-Sitt Sena |
| 6 | Kunsill tal-istudenti tal-Kulleġġ u Tranżizzjoni għall-istudenti tas-Sitt Sena |
| 12 - 27 | Eżamijiet Annwali – Skejjel Sekondarji (Għall-istudenti tal-Ewwel sar-Raba' Sena) |
| 23 | Laqgħa Nazzjonali għall-Għalliema tal-Guidance |
| 27 | Tmiem tas-Sena Skolastika għall-istudenti |

## Lulju 2014

| | |
|---|---|
| 2 | Ċerimonja tal-Għoti taċ-Ċertifikat tal-iSchool Profile (Studenti tal-Ħames Sena) |
| 7 - 9 | Inset |

*Il-programm jista' jinbidel skont il-ħtieġa*

# ESPERJENZA TA' XOGĦOL GĦALL-ISTUDENTI TAR-RABÀ SENA

Bejn il-kliem u l-fatti hemm il-baħar jikkumbatti, qawl li jitfa' dawl fuq id-differenza li jista' jkun hemm bejn dak li naħsbu jew ideat li jkollna u r-realtà. Iż-żgħażagħ għandhom idea ċara mhux ħażin dwar ir-realtà tax-xogħol. Semgħu esperjenzi u raw nies jaħdmu u dawn l-esperjenzi għenu biex jiffurmaw diversi ideat dwar din ir-realtà. Biss l-iskola rat li tkun idea tajba li l-istudenti jagħmlu esperjenza qasira fejn huma jilbsu l-libsa ta' ħaddiem u jqabblu dawn l-ideat mal-verità.

L-istudenti tar-Raba' Sena ta' din is-sena nqasmu f'żewġ gruppi. Grupp ħareġ f'April filwaqt li t-tieni grupp ħareġ fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju. L-istudenti taw il-preferenzi tagħhom fejn xtaqu jaħdmu u nstabu xi 45 intrapriża li kienu jvarjaw minn xogħol fi ħwienet, fil-qasam tas-saħħa, f'uffiċini, xogħol ma' tfal żgħar, midja, fil-produzzjoni ta' ikel u xogħol tal-id ħafif. Sar *risk assessment* fuq kull waħda minn dawn l-azjendi u x-xogħol li ġie offrut. L-istudenti ġew ippreparati b'diversi modi. Ġew ukoll mogħtija ktejjeb li huma riedu jimlew tul dik il-ġimgħa. Dan il-ktejjeb serva kemm biex huma jagħmlu ezerċizzju ta' riflessjoni imma wkoll biex il-persuni responsabbli jagħtu *feedback* lill-istudent dwar kif rawhom bħala ħaddiema. Tul dik il-ġimgħa, kull għalliem tal-*guidance* kellu jżur numru ta' postijiet minnhom biex jara kif sejrin l-istudenti, inkellmu lil min kien responsabbli minnhom u ngħinuhom jekk ikun hemm xi problemi. Il-kummenti li dawn in-nies taw fuq dawn l-istudenti ssorprenda anka lilna li nafu lil dawn iż-żgħażagħ. Ikkummentawlna dwar l-inizjattivi li huma wrew biex jistaqsu u jitgħallmu. Qalulna wkoll dwar il-puntwalità u r-responsabbiltà tagħhom tant li qabbluhom anke ma' ħaddiema oħra stabbiliti fil-post u li jafu x-xogħol sew. Innutaw l-edukazzjoni li biha kienu jittrattaw lil dawk ta' madwarhom, l-ilbies tagħhom u l-entużjażmu li kellhom. Dan kollu jawgura tajjeb ħafna mhux biss biex dawn l-intrapriżi jerġgħu jieħdu sehem f'inizjattivi simili fis-snin li ġejjin imma wkoll biex dawn l-istudenti wara li 'kkonfermaw' li fihom hemm il-kapaċità, ikomplu jitħeġġu biex ikomplu fit-triq taż-żvilupp personali tagħhom, triq li taf toffri l-isfidi tagħha.



Mid-Dipartiment tal-Guidance

# ĦIDMET IL-KUMITAT TAL-EKOSKOLA



Din is-sena l-istudenti tal-EkoSkola għażlu t-tema tal-ħarsien tal-ambjent tal-iskola sabiex jaħdmu fuqu. Kull ġimgħa l-istudenti flimkien mal-għalliema jiltaqgħu biex jiddiskutu x'jista' jsir biex l-iskola tagħna tkun iktar sostenibbli, kif ukoll biex titqajjem iktar kuxjenza ma' sħabhom dwar l-importanza ta' valuri sostenibbli u favur ambjent nadif.

Għal dan il-għan waħda mill-attivitajiet li saret kienet il-Clean Up waqt il-brejk ta' nofsinhar. Il-kumitat tal-EkoSkola ħeġġeġ lill-istudenti sabiex jipparteċipaw f'din l-attività. Flimkien mal-għalliema l-istudenti daru l-btieħi biex ineħħu skart li kien qed jintrema u jħammeġ l-iskola. L-istudenti ppruvaw iqajmu kuxjenza fi sħabhom biex jirrealizzaw l-importanza li l-iskola għandha tinżamm nadifa u li l-iskart għandu jiġi separat u minimizzat kemm jista' jkun.









Fost ħafna attivitajiet oħra li saru din is-sena, waħda mill-iktar importanti kienet is-Summit Annwali tal-EkoSkola li sar Le Meridian St Julians. Hawnhekk l-istudenti kellhom il-privileġġ li flimkien ma' skejjel oħra jiddiskutu proposti mal-Onorevoli Ministru Leo Brincat. Waqt il-laqgħat fl-iskola l-istudenti ddiskutew it-tema ta' *Waste: a Resourceful Nuisance*. L-istudenti ħarġu b'numru ta' proposti li l-ewwel ġew diskussi mal-istudenti ta' skejjel oħra mbagħad indirizzati lill-Ministru.

Kienet esperjenza edukattiva fejn l-istudenti setgħu jagħtu s-sehem attiv tagħhom biex jaħdmu favur ambjent iktar sostenibbli u biex isemmgħu leħinhom fuq inizjattivi importanti. Dawn l-attivitajiet jgħinu biex studenti jħaddnu prinċipji sodi dwar il-ħarsien tal-ambjent kif ukoll biex l-esperjenza tal-iskola tkun waħda ħolistika.

Is-Sa R.A. Gauci
F'isem il-kumitat tal-Ekoskola

# MIN IFITTEX ISIB

Il-kaċċa għat-teżor (*treasure hunt*) hija attività li saret popolari ħafna. Din is-sena, għall-ewwel darba, saret attività bħal din b'tema tax-xjenza fuq bażi nazzjonali. L-isem Science Safari ġie magħżul biex jorbot attività xjentifika mal-gost. Tnax-il student tat-Tieni Sena mill-iskola tagħna ħadu sehem flimkien ma'150 student ġejjin minn diversi skejjel f'Malta u Għawdex.

Is-Sibt, 22 ta' Marzu 2014, sebħet ġurnata sabiħa u l-istudenti telqu lejn Pembroke flimkien mal-għalliema tagħhom. L-istudenti ħadmu fi gruppi ta' tlieta. It-teżor li riedu jsibu kien jikkonsisti f'mistoqsijiet u taħbil il-moħħ marbuta max-xjenza u l-ambjent. Dan kellu jsir f'ġirja mal-ħin waqt li l-istudenti jimirħu qalb ix-xagħri tal-kosta ta' Pembroke, josservaw u jwieġbu l-mistoqsijiet.













Kien hemm gruppi li ma damux ma daħlu lura. Il-gruppi tagħna damu ftit aktar imma ħadmu bil-għaqal. Il-ġurija kellha tagħti l-marki u jitniżżel il-ħin li fih daħal kull grupp.

X'eċċitament kellhom l-istudenti xħin wasal il-ħin li jitħabbar ir-riżultat. Fi ftit sekondi smajna li grupp tal-iskola ta' San Benedittu ġie fit-tielet post u għalhekk l-iskola rebħet mikroskopju. U min kienu l-istudenti? Dawn kienu Luca Mifsud, Andrei Micallef u Morgan Ebejer. Prosit!! Għall-ħila li wrew ingħataw rigal li jintuża għax-Xjenza. Iżda kull student mar lura d-dar ferħan li ħa sehem f'attività edukattiva u kompetittiva. Dan ukoll teżor.

Is-Sa D. Sciberras
F'isem l-għalliema tax-Xjenza

# NISĠA



Ir-rappreżentazzjoni ta' din is-sena għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni kienet waħda mill-isbaħ mid-disa' rappreżentazzjonijiet li l-iskola tagħna ttella' ta' kull sena għal dal-jum speċjali fil-kalendarju skolastiku tagħna. Dan stqarrewh ħafna u r-raġuni ewlenija wieħed jista' jsibha fit-titlu stess - NISĠA.

Kien sforz kollettiv fejn ra studenti, għalliema, LSAs u staff ieħor, kulħadd jaħdem id f'id fuq din il-produzzjoni. Kulħadd joffri l-għajnuna tiegħu skont il-kapaċità tiegħu. Anke t-tema u l-qafas tal-istorja, li kienu maħluqa minn grupp ta' studenti tar-Raba' Sena, intlaqgħu tajjeb ħafna mill-udjenza. Dan għaliex għalkemm iż-żminijiet inbidlu, però kulħadd għad għandu għal qalbu t-tradizzjonijiet Maltin.

Kollox beda minn problema li kellu Samwel fi proġett tal-iskola. Ried tagħrif dwar Ħal Ħemda, ir-raħal fejn jgħix hu u l-antenati tiegħu, imma informazzjoni ma sab xejn. Imnalla tkellem ftit man-nannu Dumink, għax dan kien lest li jirrakkuntalu l-istorja kollha sa mill-bidu nett. Fejn qatt basar Samwel li hu kien dixxendent tal-ewwel nies ta' raħal twelidu? U minn hemm tlaqna għal vjaġġ twil li ħadna madwar 400 sena ilu u flimkien għexna l-ħajja tal-passat.



Storja minsuġa minn għadd ta' leġġendi Maltin, kant u melodiji tradizzjonali, devozzjoni, superstizzjonijiet, imħabba, tilwim, ilbies, logħob antik, żfin u fl-aħħar u mhux l-inqas purċissjoni ta' tieġ Malti kif kienu jiċċelebrawh missirijietna.

Ma' dan kollu wieħed ma jistax ma jżidx ix-xenajru mill-isbaħ tal-pajsaġġ Malti u tal-kappella devota ta' San Dimitri, li mill-ewwel daħħlu lil udjenza fl-atmosfera. Importanti wkoll dawk kollha involuti fil-parti teknika li tinkludi dawl, *sound* u *recordings*, kif ukoll tal-irtokk, kostumi u ħafna nies li mingħajr is-sehem tagħhom dan is-suċċess ma kienx ikun possibbli.

Nittamaw li jkollna aktar produzzjonijiet bħal dawn fil-futur u li jkun hemm iċ-ċans li aktar nies jiġu jarawhom ħalli x-xogħol siewi li jsir minn ħafna fl-iskola tagħna jkun jista' jitgawda u jiġi apprezzat aktar.



Is-Sur K. Scicluna
Direttur

# MAWRA AVVENTURUŻA ĠEWWA L-ISKOZJA

Għal sena oħra, l-iskola tagħna flimkien ma' skejjel oħra tal-istat u tal-knisja organizzajna vaganza avventuruża għall-btajjel tal-Għid il-Kbir.  Din id-darba ma żorniex l-Ingilterra però morna l-Iskozja.  L-għan prinċipali ta' din il-mawra kien li l-istudenti jipparteċipaw f'diversi attivitajiet avventurużi bħal Trapezee, Abseiling, RaftBuilding, Survivor, Canoeing, Tree Climbing u Archery fost oħrajn.






L-istudenti mhux biss ħadu gost jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet, li mhux normalment jagħmlu ta' kuljum, talli wkoll tgħallmu iktar japprezzaw is-sbuħija tan-natura.  Dan minħabba l-fatt li l-attivitajiet kollha li saru, kif ukoll il-post fejn konna nabitaw, kienu mdawrin b'foresta.  Apparti minn hekk, ġurnata minnhom żorna Scone Palace li hu palazz maestuż, imżejjen bl-isbaħ rikkezzi, fejn ġewwa fih kienu inkurunati bosta rejiet Skoċċiżi fosthom Macbeth.





Tul dawn id-disat ijiem l-istudenti mhux biss ħadu gost u tgħallmu affarijiet ġodda iżda ukoll għamlu ħbieb ġodda.

Is-Sa D. Zerafa
Għalliema

# FOLLOWING A MASTERS DEGREE AFTER THE AWARD OF A STEPS SCHOLARSHIP

Following my appointment as an Assistant Head of School, I felt the need to further my knowledge in the Educational Leadership field in order to enhance my leadership skills and offer a better service to the staff and students I encounter in the day-to-day performance of my administrative role. Consequently, I took the opportunity to follow a Master in the Science of Educational Leadership degree at the University of Leicester.

Through this part-time, distance learning course, I studied and researched different aspects of school management and leadership, curriculum management and administration of staff. In part-fulfillment of the degree, I also submitted a dissertation entitled 'A Comparative Study of the range of Leadership Models adopted within a Maltese College – the experience of school administrators, teachers and students'. In my dissertation, I identified and compared the range of leadership models adopted by the College Principal and ten headteachers within a typical Maltese College and the extent to which leadership affects teachers and students, as well as the impact of leadership on school ethos and improvement.

Using a mixed methodology comprising both quantitative and qualitative research tools, this study identified the democratic, collaborative-distributed models of leadership as being mostly preferred by the College Principal and headteachers although there are instances when they have to be transactional, instructional or autocratic in their approach. Heads highly favour consultation with their Senior Management Team and staff knowing that implementing collaborative decisions makes teachers work more willingly. Teachers insisted that school leadership can positively and negatively affect their work performance, job motivation and satisfaction and in turn students are affected too. Students agreed that they feel happier when the Head of School maintains discipline but still listens to their ideas making them feel valued and cared for.

Now that I have successfully finished my studies, I am trying to apply my newly acquired knowledge in my administrative role. My success would not have been possible without the continuous support and encouragement of my family and the rest of the Senior Management Team within my school. Additionally, I would like to acknowledge STEPS who awarded me a STEPS scholarship, partly financed by the European Social Fund (ESF) under Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013.

Ms C. Pisani Grixti
B. Ed (Hons), MSc Ed Lead (Leicester)




**Bord Editorjali:**

| | |
|---|---|
| Assistenta Kap: | *C. Pisani Grixti* |
| Disinn: | *A. Galea* |
| Fotografi: | *D. Bezzina, V. Zammit* |
| Issettjar: | A. Galea, *A. M. Zammit, R. Dalli* |
| Qari tal-Provi: | *L. Deguara, W. Incorvaja* |
| | *S. J. Polidano u C. Tanti* |
| Tradutturi: | *D. Bezzina u P. Sacco* |
| Stampar: | *C. Cassar* |